Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' April 2024
(OR. en)

8628/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0344(NLE)

VISA 49
MIGR 160
RELEX 484
COAFR 136
COMIX 168

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Etjopja<br>– Adozzjoni<br>– Dikjarazzjoni minn Malta |

# DIKJARAZZJONI MINN MALTA

Malta tibqa' impenjata lejn l-użu ta' inċentivi u ingranaġġi għall-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari, inkluż permezz tal-użu tal-politika dwar il-viżi biex tittejjeb il-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni. L-objettiv tal-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi jibqa' li tiżdied il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar ir-ritorni, għalhekk fid-dawl tal-iżviluppi reċenti fl-involviment mill-awtoritajiet Etjopjani, Malta hija tal-fehma li jeħtieġ li d-deċiżjoni tiġi posposta biex jiġu vvalutati l-eżiti konkreti tas-sensibilizzazzjoni mal-Etjopja.

F'dan ir-rigward, Malta ser tastjeni dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Etjopja.